MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Numru. 48/2002

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

vs

Carmel Debono, ta' 41 sena, bin Michael u Cecilia nee' Buttigieg, imwieled Xewkija, Ghawdex, fit-12 ta' April 1961 u joqghod 42, Triq ta' Gok, Xewkija, Ghawdex ; detentur tal-Karta tal-Identita' Nru. 19961 G .

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjoni li biha Carmel Debono gie akkuzat

(i) talli fit-12 ta' Ottubru, 2002 ghal habta tal-5.50p.m., waqt li kien qieghed fil-Gozo Stadium, Xewkija, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tar-referee Joseph Camilleri skond kif iccertifika Dr. Brian Gatt MD ta' l-isptar Generali ta' Ghawdex

(ii) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabez ic-cint jew il-barriera li ddawwar il-pitch tal-Gozo Stadium u dahal fil-post fejn kien qed isir il-loghob minghajr ebda awtorizazzjoni bi ksur ta’ l-Artiklu 5 tar-Regolamenti biex jinzamm l-Ordni pubbliku fil-Grounds ta’ l-isports .

(iii) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien qieghed fi ground ta’ l-isports, uza kliem offensiv jew gab ruhu abbuzivament bi ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolamenti biex jinzamm l-ordni Pubbliku fil-Grounds ta’ l-isports .

(iv) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal iktar minn Lm 50 izda inqas minn Lm500 ghad-dannu ta’ Joseph Camilleri .

(v) talli fil-15 ta’ Ottubru, 2002, ghal habta tal-11.30 a.m, hedded bil-fomm, permezz ta’ telefonata lill-istess Joseph Camilleri .

Rat l-att tar-rinviju ta’ l-Avukat Generali tal-15 ta’ Ottubru 2003, fejn, billi deherlu illi mill-kumpilazzjoni f’dan il-kaz tista’ tinsab htija taht dak li hemm mahsub
(a) fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fir-regolament 5 tar-Regolamenti Biex Jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-grounds ta’ l-Isports (A.L. 88/1978) ;
(c) fir-regolament 7 tar-Regolamenti Biex Jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-grounds ta’ l-Isports (A.L. 88/1978) ;
(d) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikoli 249 u 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali ;
Iddecieda illi kif hemm mahsub fl-artiklu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, jibghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti fin-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-istess imputat .
Semghet lill-imputat jghid fl-udjenza tas-6 ta' Novembu 2003 li ma jsib ebda oggezzjoni li din il-kawza tkompli

tinstema u tinqata’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali .
Rat il-verbal taghha tal-24 ta' Settembru 2004 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza .
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-fedina penali ta' l-imputat, il-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .
Rat ukoll in-Noti ta' sottomissjonijiet tal-legali ta' imputat u l-*parte civile .*
Ikkunsidrat :
Fil-bidu tas-smiegh ta' din il-kawza, waqt li kienet ghada fi stadju ta' kumpilazzjoni, l-legali ta' l-imputat qajjem eccezzjoni procedurali dwar in-nullita' tac-citazzjoni minhabba xi nuqqasijiet li qal li kien fiha . Madankollu ma jirrizultax illi din l-eccezzjoni baqghet tigi sostnuta u nfatti lanqas saret ebda referenza ghaliha fin-Nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputat . Din il-Qorti wara li fliet l-att tac-citazzjoni li biha gie akkuzat Carmel Debono, ma ssib ebda nuqqas fiha u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi minnufih michuda .
Illi l-ewwel erba' akkuzi jittrattaw incident li nqala fl-ahhar mumenti ta' partita *football* li kienet qed tintlaghab fil-Gozo Stadium bejn il-clubs tax-Xewkija Tigers u l-Victoria Hotspurs. Wiehed mill-*linesmen* Gordon Barbara gholla l-bandiera ghal *offside,* imma r-*referee* Joseph Camilleri halla l-loghob jitkompla u gie skurjat *goal* ghad-dannu tax-Xewkija Tigers . Immedjatament qamu protesti kbar u *players* ta' dan it-*team* daru fuq ir-referee (fid-depozizzjoni tieghu - a fol. 13 - juza l-kelma "***ikkrawdjawni***"), jargumentaw mieghu, jghajjruh, jimbuttawh u kien hemm min anke ipprova jahbat ghalieh b'rasu . X'hin il-kommozzjoni kienet ser tikkalma xi ftit, l-imputat, *supporter* akkanit tax-Xewkija Tigers, xxabbat max-xibka li ddawwar il-*ground*, qabez go fih, gera fid-direzzjoni tar-*referee* u xejjirlu daqqa ta' ponn u daqqa ta' sieq "***karete style***", kif fissirha l-*linesman* l-iehor Carmel Attard . Konsegwenza ta' dan l-incident ir-*referee* garrab xi feriti hfief u tilef xi oggetti personali li kellu fuqu bhal *contact lens*, arlogg u suffara .
L-ewwel akkuza tittratta appuntu l-griehi ta' natura hafiha li garrab ir-*referee .* It-tabib Dr. Bryan Gatt tal-*polyclinic* tar-Rabat li ezamina lil Joseph Camilleri, ftit wara li sehh dan

l-incident, iccertifika li sablu "***a bruise around his right temporal region***" u li Camilleri "***also complained of pain affecting his right wrist***." (Dok. AG. 1 a fol. 53 tal-process) . Ghalkemm fid-depozizzjoni tieghu l-imputat jichad li laqat lil Camilleri, mill-istqarrija li l-istess imputat kien irrilaxxja lill-Pulizija dakinhar stess ta' l-incident, huwa jammetti illi "***qbizt gol-gound, grejt fid-direzzjoni tar-referee u tajtu daqqa ta' ponn***" (Dok. AG. 1 a fol. 33) . B'din l-ammissjoni, kif ikkorroborata b'dak li xehed ir-referee Camilleri stess u kkonferma l-*linesman* Carmel Attard, m'ghandu jibqa' ebda dubbju illi l-imputat aggredixxa lil Camilleri u kkagunalu l-feriti deskritti . Din l-ewwel akkuza hija ghalhekk ippruvata .

Jinghad fin-Nota ta' sottomissijonijiet ta' l-imputat, u indirettament anke f'xi stadji tas-smiegh tal-kawza, illi l-imputat kien ammetta t-tieni u t-tielet akkuza . Pero' ma jirrizultax illi dan qatt sar b'mod formali . Madankollu m'hemm l-ebda dubbju illi dawn l-akkuzi huma ppruvata . Ma jistax ikun illi l-imputat agredixxa lir-*referree* li kieku ma qabizx fil-*ground* bi ksur tar-regolamenti relattivi . Ma rrizultax xi kliem intqal, imma zgur li huwa gab ruhu b'mod abuzziv bil-fatt biss li gera lejn ir-referee u attakkah .

Ir-raba akkuza tirreferi ghad-dannu kkagunat lil *parte civile* bit-telf ta' l-oggetti ndikati . Imma fil-fehma tal-Qorti l-unika telf li jista' minghajr dubbju jigi mputat lil Debono huwa dak tal-*contact lens* ta' l-ghajn il-leminija . Gie ppruvat illi Camilleri spicca bi tbengila fuq ghajnu l-leminija . Din hija kompatibbbli mad-daqqa ta' ponn li laqqat minghand Debono bil-konsegwenza li waqghet il-lenti fil-haxix tal-*ground,* fejn kien ikun imbaghad impossibli li tinstab . Pero' minhabba l-kommozzjoni kollha li kien hemm madwar ir-*referee*, dak il-hin li qam l-incident *de quo*, ma jistax jinghad fil-grad ta' certezza mitlub fil-kamp kriminali li kien proprju l-imputat ukoll il-kagun tat-telf ta' l-arlogg u s-suffara . Il-*parte civile* pprezentat stima ta' disgha u ghoxrin lira (Lm29) dwar din il-lenti (Dok. JC. 2 a fol. 27) . Il-Qorti ma ssib ebda ragun ghaliex m'ghandiex taccetta l-istess stima bhala li tirraprezenta l-valur reali ta' lenti bhal dik mitlufa, u ghalhekk jirrizulta ppruvat biss illi l-imputat kkaguna hsara li ma teccedix il-hamsin lira (Lm50) ghad-dannu ta' Joseph Camilleri .

L-ahhar akkuza hija biss indirettament konnessa ma' l-incident ewlieni mertu ta' din il-kawza . Tittratta telefonata li saret xi jiem wara lil Camilleri, fejn il-persuna li cemplet minn *telephone box* fix-Xewkija identifikat ruhha bhala "Charlie l-Mudell", li huwa l-laqam ta' l-imputat . F'din it-telefonata sar theddid fis-sens illi Camilleri kienet ser issirlu hsara bhal ma kien garrab *referee* iehor fil-karozza tieghu xi gimghat qabel . Ghalkemm Camilleri jghid li gharaf ukoll il-lehen bhal dak ta' Debono, l-imputat cahad kategorikament li kien hu li ghamel din it-telefonata . Huwa minnu illi din it-telefonata saret waqt il-*lunch break* tieghu u mir-rahal fejn jirrisjedi . Biss dawn jistghu ikunu semplicement kumbinazzjonijiet u l-vuci tista' wkoll tigi imitata . F'tali ncertezzi l-Qorti ma tistax ghalhekk issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi issib lil-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet akkuzi u fir-rigward tar-raba akkuza, limitatament biss li kkaguna hsara ghad-dannu ta' Joseph Camilleri f'ammont li ma jeccedix il-hamsin lira (Lm50) . Tilliberah mill-hames akkuza, billi ma tirrizultax.Wara li rat l-artikolu 221 (1), 325(c) u 28A tal-Kap. 9 u l-Avviz Legali 88/1978, u tenut kont tal-fedina penali tal-imputat, minn fejn jirrizulta illi din hija l-hames darba li huwa instab hati fuq akkuzi konnessi ma mgieba hazina fi *ground* tal-*football,* tikkundannah ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sena .

Fl-ahharnett a tenur ta' l-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tispjega lill-imputat ir-responsabilita' tieghu taht l-artikolu 28B ta' l-istess Kodici, jekk huwa jikkommetti xi reat iehor, li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------